REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1158

tad-29 ta' Ġunju 2017

li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri u l-formoli biex l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw informazzjoni mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ([1]). u b'mod partikolari l-Artikolu 33(5) tagħha,

Billi:

(1) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti proċeduri komuni u formoli għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' investigazzjonijiet, penali u miżuri, kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

(2) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA u biex jiġu evitati dewmien bla bżonn jew sottomissjonijiet li ma jirnexxux, jenħtieġ li kull awtorità kompetenti taħtar punt ta' kuntatt speċifikament għall-fini tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni meħtieġa kollha dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri imposti mill-awtoritajiet kompetenti huma identifikata b'mod korrett u rreġistrati mill-ESMA, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu informazzjoni dettaljata u armonizzata bl-użu ta' formoli speċifiċi għal dak il-għan.

(4) Jenħtieġ li informazzjoni dwar investigazzjonijiet li trid tiġi pprovduta lill-ESMA tkun konsistenti u komparabbli sabiex tirrifletti l-attività investigatorja reali mwettqa skont ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq f'sena partikolari. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni tinkludi biss informazzjonijiet li dwarhom l-awtoritajiet rilevanti jkunu ħadmu matul il-perjodu ta' referenza.

(5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.

(6) L-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati tal-introduzzjoni ta' formoli u proċeduri standard għall-awtoritajiet kompetenti rilevanti, peress li dan kien ikun sproporzjonat fir-rigward tal-ambitu u l-impatt tagħhom, filwaqt li jitqies li d-destinatarji ta' dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni se jkunu biss l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri u mhux il-parteċipanti fis-suq.

(7) L-ESMA talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjoni

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "mezzi elettroniċi" huma mezzi ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali), il-ħażna u t-trasmissjoni ta' *data*, li jkunu jużaw wajers, radju, teknoloġiji ottiċi, jew kull mezz elettromanjetiku ieħor.

Artikolu 2

Punti ta' kuntatt

1. Kull awtorità kompetenti għandha taħtar punt ta' kuntatt uniku biex tintbagħat l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 u għall-komunikazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) dwar il-punti ta' kuntatt imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-ESMA għandha taħtar punt ta' kuntatt biex jirċievi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u għall-komunikazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mar-riċeviment ta' din l-informazzjoni.

4. L-ESMA għandha tippubblika l-punt ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 2 fuq is-sit elettroniku tagħha.

Artikolu 3

Is-sottomissjoni annwali ta' informazzjoni aggregata

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-ESMA bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 billi jimlew, kif xieraq, il-formola stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta lill-ESMA mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena u għandha tirrigwarda l-investigazzjonijiet kollha meħuda u s-sanzjonijiet u l-miżuri kollha imposti matul is-sena kalendarja preċedenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-ESMA bl-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 b'mezzi elettroniċi siguri ta' trasmissjoni.

4. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tispeċifika u tidentifika l-mezzi elettroniċi siguri li għandhom jintużaw. Dawk il-mezzi elettroniċi jiżguraw li l-kumpletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni jinżammu matul il-trażmissjoni.

Artikolu 4

Proċeduri u formoli ta' rappurtar

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-ESMA s-sanzjonijiet u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 33(3) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 billi jużaw interfaċji pprovduti permezz tas-sistema tat-teknoloġija tal-informatika, u l-bażi ta' *data* relatata, stabbilita mill-ESMA għall-immaniġġjar tal-wasla, il-ħażna u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi.

2. Is-sanzjonijiet u l-miżuri imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu sottomessi lill-ESMA fil-fajl tar-rapport fil-format stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 5

L-invalidazzjoni u l-aġġornament tar-rapporti

1. Fejn awtorità kompetenti tixtieq li tinvalida fajl ta' rapport eżistenti li qabel ikun sottomess lill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 4, hija għandha tħassar il-fajl ta' rapport eżistenti u tibgħat fajl ta' rapport ġdid.

2. Fejn awtorità kompetenti tixtieq taġġorna fajl ta' rapport eżistenti li sottomettiet qabel lill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 4, hija għandha tissottometti mill-ġdid il-fajl ta' rapport bl-informazzjoni aġġornata.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Formola ta' sottomissjoni annwali ta' informazzjoni aggregata u anonima dwar il-penali u l-miżuri kollha imposti u l-investigazzjonijiet imwettqa

Informazzjoni aggregata u anonima dwar miżuri u sanzjonijiet imposti u investigazzjonijiet imwettqa f'konformità mal-Artikoli 30, 31 u 32 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 fl-[sena]

MINN:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti:

Indirizz:

(Id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur)

L-isem:

Telefown:

Posta elettronika:

LIL:

ESMA

(Id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur)

L-isem:

Telefown:

Posta elettronika:

Għażiż [*daħħal l-isem xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 33(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, nixtieq nipprovdilek l-informazzjoni aggregata segwenti rigward:

— is-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi kollha imposti minn [*isem tal-awtorità kompetenti*], fit-taqsima 1;

— is-sanzjonijiet kriminali kollha imposti mill-awtoritajiet fil-[*isem tal-Istat Membru*], fit-taqsima 2, jekk applikabbli;

— l-investigazzjonijiet amministrattivi kollha imwettqa minn [*isem tal-awtorità kompetenti*], fit-taqsima 3;

— l-investigazzjonijiet kriminali kollha imwettqa mill-awtoritajiet ġudizzjarji fil-[*isem tal-Istat Membru*], fit-taqsima 4, jekk applikabbli;

Dejjem tiegħek,

[*firma*]

TAQSIMA 1 **Miżuri amministrattivi u sanzjonijiet imposti (inkluż deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni fejn applikabbli) matul il-perjodu ta' rappurtar**

	Numru ta' miżuri u sanzjonijiet			**Numru ta' persuni kkonċernati mill-miżuri u s-sanzjonijiet**	
	Imposti (*)	**Ippubblikati**	**Taħt appell**	**Persuni fiżiċi**	**Persuni ġuridiċi**
Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi totali					

Numru ta' miżuri u sanzjonijiet skont it-tip ta' ksur u n-natura tal-miżura/sanzjoni	**Sanzjonijiet pekunjarji** (Inkluż subtotal għal ċediment fejn applikabbli)		**Minbarra pekunjarji**	**Deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni** (fejn applikabbli)	
	F'ċifri (+)	Ammont monetarju aggregat (*)	F'ċifri (+)	F'ċifri (+)	Ammont monetarju aggregat (**)
Għal projbizzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014					
Għal projbizzjonijiet skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014					
Għal ksur ieħor					

(+) Billi miżuri u sanzjonijiet jistgħu jkopru iktar minn ksur wieħed, it-total tan-numru ta' miżuri u sanzjonijiet f'din it-tabella jista' ma jikkorrispondix għan-numru totali ta' miżuri jew sanzjonijiet li jinsabu fil-kaxxa taħt "imposti" fit-tabella preċedenti.

(*) Iċ-ċifra mistennija tikkonċerna sanzjonijiet u miżuri li awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li timponi.

(**) Jekk jogħġbok daħħal il-valur f'EUR jew fil-munita nazzjonali. Jekk il-penalitajiet rilevanti jirreferu mhux biss għal ksur fir-rigward tal-artikolu rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, iżda wkoll għal dispożizzjonijiet oħra, żid ir-referenza "ĊIFRA AGGREGATA" għal kull valur.

TAQSIMA 2 **Sanzjonijiet kriminali imposti matul il-perjodu ta' rapportar f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 (jekk applikabbli)**

	Numru ta' sanzjonijiet		**Numru ta' persuni kkonċernati mis-sanzjonijiet**	
	Imposti (*)	**Taħt appell**	**Persuni fiżiċi**	**Persuni ġuridiċi**
Sanzjonijiet kriminali totali				

Numru ta' sanzjonijiet skont it-tip ta' ksur u n-natura tas-sanzjoni kriminali (+)	**Pekunarja** (**)	**Priġunerija**	**Deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni**	**Tip ieħor**
Għal projbizzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014				
Għal projbizzjonijiet skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014				
Għal ksur ieħor				

(+) Billi miżuri u sanzjonijiet jistgħu jkopru iktar minn ksur wieħed, it-total tan-numru ta' miżuri u sanzjonijiet f'din it-tabella jista' ma jikkorrispondix għan-numru totali ta' miżuri jew sanzjonijiet li jinsabu fil-kaxxa taħt "imposti" fit-tabella preċedenti.

(*) Iċ-ċifra mistennija tikkonċerna sanzjonijiet u miżuri li awtorità tkun iddeċidiet li timponi.

(**) Jekk jogħġbok daħħal il-valur f'EUR jew fil-munita nazzjonali. Jekk il-penalitajiet rilevanti jirreferu mhux biss għal ksur fir-rigward tal-artikolu rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, iżda wkoll għal dispożizzjonijiet oħra, żid ir-referenza "ĊIFRA AGGREGATA" għal kull valur.

TAQSIMA 3 **Investigazzjonijiet amministrattivi mwettqa tul il-perjodu ta' rappurtar**

Tip ta' investigazzjoni	Numru ta' investigazzjonijiet li kienu għaddejjin matul is-sena [ssss] (+)			Eżitu tal-investigazzjonijiet magħluqa			
	Total	Miftuħa	Magħluqa	Bidu ta' infurzar amministrattiv (inklużi deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni)	Riferiment għall-awtoritajiet kriminali	Azzjonijiet oħra (eż, projbizzjonijiet)	Magħluqa mingħajr azzjonijiet ulterjuri
Għal projbizzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014							
Għal projbizzjonijiet skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014							
Għal tipi oħrajn ta' ksur							

(+) Uħud mill-investigazzjonijiet jistgħu jkopru diversi ksur u jikkonċernaw iktar minn persuna waħda.

TAQSIMA 4 **Investigazzjonijiet kriminali imwettqa matul il-perjodu ta' rapportar f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 (jekk applikabbli)**

Tip ta' investigazzjoni	Numru ta' investigazzjonijiet li kienu għaddejjin matul is-sena [ssss] (+)			Eżitu tal-investigazzjonijiet magħluqa		
	Total	Miftuħa	Magħluqa	Bidu ta' proċeduri ta' infurzar amministrattiv (inklużi deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni)	Magħluqa mingħajr azzjonijiet ulterjuri	Azzjonijiet oħra (eż.: projbizzjonijiet)
Għal projbizzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014						
Għal projbizzjonijiet skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014						
Għal tipi oħra ta' ksur						

(+) Uħud mill-investigazzjonijiet jistgħu jkopru diversi ksur u jikkonċernaw iktar minn persuna waħda.

ANNESS II

Format għan-notifika ta' sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali jew miżuri amministrattivi oħra żvelati lill-pubbliku

Qasam	Deskrizzjoni	Tip
Qafas Legali	L-akronimu tal-att leġiżlattiv tal-Unjoni taħt liema s-sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali jew miżuri amministrattivi oħra jkunu ġew imposti.	Obbligatorju
Identifikatur ta' sanzjoni	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni attribwit mill-awtorità kompetenti għall-finijiet tan-notifika ta' sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali jew miżuri amministrattivi oħra.	Fakultattiv
Stat Membru	L-akronimu tal-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li tippreżenta s-sanzjoni jew il-miżura	Obbligatorju
Identifikatur tal-Entità	L-identifikatur użat biex jidentifika b'mod uniku entità ġuridika li fuqha sanzjoni amministrattiva jew kriminali jew miżuri amministrattivi oħra jkunu ġew imposti, f'każ li l-entità hija entità awtorizzata skont il-qafas legali tal-MiFID ([1]), l-UCITS ([2]) jew l-AIFMD ([3]).	Faklutattiv (għal persuni legali biss)
Awtorità Ċentrali	L-identifikatur tal-awtorità li qed tippreżenta s-sanzjoni jew il-miżura	Obbligatorju
Entità tal-Qafas Legali	L-akronimu tal-att leġiżlattiv tal-Unjoni li japplika għall-entità li għaliha s-sanzjoni amministrattiva jew kriminali jew miżuri amministrattivi oħra jkunu ġew imposti.	Fakultattiv (għal persuni legali biss)
Natura tas-sanzjoni	Informazzjoni dwar jekk is-sanzjoni notifikata hijiex sanzjoni kriminali, sanzjoni amministrattiva jew miżura amministrattiva.	Obbligatorju (biss għal sanzjonijiet)
L-isem Sħiħ tal-Entità	L-isem sħiħ tal-entità li fuqha tkun ġiet imposta s-sanzjoni, f'każ li l-entità ma tkunx awtorizzata skont il-qafas legali tal-MiFID, l-UCITS jew l-AIFMD.	Fakultattiv (għal persuni legali biss)
L-Isem Sħiħ tal-Persuna	L-isem sħiħ tal-persuni li fuqhom tkun ġiet imposta sanzjoni amministrattiva jew kriminali jew xi miżuri amministrattivi oħra.	Fakultattiv (għal persuni legali biss)
Sanzjonar NCA	L-akronimu tal-awtorità kompetenti li imponiet is-sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali jew miżuri amministrattivi oħra.	Obbligatorju
Test liberu	It-test ta' sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali jew ta' miżuri amministrattivi oħra f'lingwa nazzjonali jew bl-Ingliż.	Obbligatorju
Test liberu	It-test tas-sanzjoni jew tal-miżura amministrattiva bl-Ingliż.	Fakultattiv
Data	Id-data li fiha s-sanzjoni amministrattiva jew kriminali jew miżura amministrattiva oħra ġiet imposta.	Obbligatorju
Data tal-Iskadenza	Id-data li fiha jintemmu l-effetti tas-sanzjoni jew miżura amministrattiva.	Fakultattiv

([1]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([2]) Id-Direttiva 2009/65/KE tat-13 ta' Lulju 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([3]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).